32002R2384

L 358/124 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ 31.12.2002

# IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2384/2002

## tat-30 ta' Diċembru 2002

## li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2837/93 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2019/93 għal dak li għandu x'jaqsam mal-manutenzjoni ta' msaġar taż-żebbuġ f'żoni fejn tradizzjonalment jitkabbar iż-żebbuġ

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2019/93 tad-19 ta' Lulju 1993 li jintroduċi miżuri speċifiċi għall-gżejjer iż-żagħar ta' l-Eġew li jikkonċernaw ċerti prodotti agrikoli ([1]), kif l-aħħar emendat permezz tar-Regolament (KE) Nru 442/2002 ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 11(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2837/93 ([3]), kif l-aħħar emendat permezz tar-Regolament (KE) Nru 2813/94 ([4]), jistabbilixxi l-kondizzjonijiet għall-għotja ta' l-għajnuna tar-rata fissa għal kull ettaru għall-manutenzjoni ta' msaġar taż-żebbuġ f'żoni tradizzjonali tat-tkabbir taż-żebbuġ tal-gżejjer iż-żagħar ta' l-Eġew.

(2) Hemm raġunijiet għaż-żieda mal-kriterji ta' eliġibbilità stabbiliti fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KEE) Nru 2837/93, kundizzjoni li tikkorrispondi ma' l-Artikolu 24(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2366/98 tat-30 ta' Ottubru 1998 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema ta' għajnuna ta' produzzjoni taż-żejt taż-żebbuġa għas-snin *marketing* ta' 1998/99, 1999/2000, 2000/01, 2001/02, 2002/03 u 2003/04 ([5]), kif l-aħħar emendat permezz tar-Regolament (KE) Nru 1249/2002 ([6]), li jistabbilixxi d-daqs minimu tal-qasam tat-tkabbir taż-żebbuġ li jista' jikkwalifika għall-għajnuna ta' produzzjoni taż-żejt taż-żebbuġa.

(3) Ir-Regolament (KEE) Nru 2837/93 għandu għalhekk ikun emendat.

(4) Il-miżuri pprovduti għalihom f'dan ir-Regolament huma in konformità ma' l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ġestjoni taż-Żjut u x-Xaħmijiet,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*L-Artikolu 1*

Il-punt segwenti huwa miżjud ma' l-Artikolu 1 tar-Regolament (KEE) Nru 2837/93:

"(e) li huma ta' daqs minimu kif stabbilit permezz tat-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 24(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2366/98 (*).

(*) ĠU L 293, tal-31.10.1998, p. 50."

*L-Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum mill-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, 30 ta' Diċembru 2002.

*Għall-Kummissjoni*

Franz FISCHLER

*Membru tal-Kummissjoni*

([1]) ĠU L 184, tas-27.7.1993, p. 1.
([2]) ĠU L 68, tat-12.3.2002, p. 4.
([3]) ĠU L 260, tad-19.10.1993, p. 5.
([4]) ĠU L 298, tad-19.11.1994, p. 24.
([5]) ĠU L 293, tal-31.10.1998, p. 50.
([6]) ĠU L 183, tat-12.7.2002, p. 5.